



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 5 ta' Ġunju 2019
(OR. en)**

**2016/0377 (COD)
LEX 1937**

**PE-CONS 73/1/18
REV 1**

**ENER 428
CODEC 2251**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
DWAR IT-TĦEJJIJA GĦAR-RISKJI FIS-SETTUR TAL-ELETTRIKU
U LI JĦASSAR ID-DIRETTIVA 2005/89/KE**

REGOLAMENT (UE) 2019/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ġunju 2019

dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku
u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 91.

² ĠU C 342, 12.10.2017, p. 79.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019.

Billi:

- (1) Is-settur tal-elettriku fl-Unjoni għaddej minn trasformazzjoni profonda, ikkaratterizzata minn swieq aktar deċentralizzati b'aktar atturi, sehem oġġla ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u sistemi interkonnessi aħjar. Bi tweġiba, ir-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ u d-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁺⁺ għandhom l-għan li jtejbū l-qafas legali li jirregola s-suq intern tal-Unjoni tal-elettriku, sabiex jiżguraw li s-swieq u n-netwerks jaħdmu b'mod ottimali, għall-benefiċċju tan-negozji u taċ-ċittadini tal-Unjoni. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, li minnhom is-sigurtà tal-enerġija, is-solidarjetà, il-fiduċja u politika ambizzjuża dwar it-tibdil fil-klima huma parti integrali.

¹ Regolament (UE) Nru 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 9/19 (2016/0379(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

² Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/19 (2016/0380(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (2) Swieq u sistemi li jaħdmu sew, b'interkonnessjonijiet tal-elettriku adegwati, huma l-aħjar garanzija ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Madankollu, anki fejn is-swieq u s-sistemi jkunu jaħdmu sew u jkunu interkonnessi, ir-riskju ta' kriżi tal-elettriku, bħala riżultat ta' diżastri naturali, bħal kondizzjonijiet ta' temp estrem, attakki malizzjużi jew nuqqas ta' fjuwil qatt ma jista' jiġi eskluż. Il-konsegwenzi ta' kriżijiet tal-elettriku spiss jinfirxu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Anki fejn tali kriżijiet jibdew f'livell lokali, l-effett tagħhom malajr jistgħu jinfirxu lil hinn mill-fruntieri. Ċerti ċirkustanzi estremi, bħal perjodi ta' kesħa, mewġat ta' sħana jew ċiberattakki, jistgħu jaffettwaw lil reġjuni sħaħ fl-istess ħin.
- (3) F'kuntest ta' swieq u ta' sistemi tal-elettriku interkonnessi, il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku ma jistgħux jitqiesu bħala li huma kompitu purament nazzjonali. Il-potenzjal ta' miżuri aktar effiċjenti u b'inqas spejjeż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali jenħtieġ li jiġi sfruttat iżjed. Jenħtieġu qafas komuni ta' regoli u proċeduri kkoordinati aħjar sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri u atturi oħrajn jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod effettiv b'mod transfruntier fi spirtu ta' aktar trasparenza, fiduċja u solidarjetà bejn l-Istati Membri.

- (4) Id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbilixxiet il-miżuri neċessarji li l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku b'mod ġenerali. Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva fil-parti l-kbira ġew sostitwiti minn atti leġislattivi sussegwenti, b'mod partikolari rigward kif is-swieq tal-elettriku jenħtieġ li jiġu organizzati sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċità disponibbli, kif l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jenħtieġ li jikkooperaw għall-garanzija ta' stabbiltà tas-sistema, u rigward kif jiġi żgurat l-istabbiliment ta' infrastruttura xierqa. Dan ir-Regolament jindirizza l-kwistjoni speċifika tal-prevenzjoni u tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-elettriku.
- (5) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485² u (UE) 2017/2196³ jikkostitwixxu ġabra ddettaljata ta' regoli li tirregola kif l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn jenħtieġ li jaġixxu u jikkooperaw sabiex jiżguraw is-sigurtà tas-sistema. Dawk ir-regoli tekniċi jenħtieġ li jiżguraw li ħafna mill-inċidenti relatati mal-elettriku jiġu indirizzati b'mod effettiv f'livell operazzjonali. Dan ir-Regolament jiffoka fuq kriżijiet tal-elettriku ta' skala u impatt akbar. Jistabbilixxi x'jenħtieġ li jagħmlu l-Istati Membri sabiex jevitaw tali kriżijiet u x'miżuri jistgħu jieħdu jekk ir-regoli operazzjonali tas-sistema ma jkunux biżżejjed. Anki fi kriżijiet tal-elettriku, ir-regoli operazzjonali tas-sistema jenħtieġ li jkomplu jiġu rrispettati bis-sħiħ u dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 2017/2196.

¹ Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 22).

² Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1).

³ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2196 tat-24 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku (ĠU L 312, 28.11.2017, p. 54).

- (6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni ta' regoli dwar kif isiru l-prevenzjoni ta', it-tħejjija għal, u l-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku, sabiex b'hekk tinkiseb aktar trasparenza fil-fażi ta' tħejjija u matul kriżi tal-elettriku u jiġi żgurat li jittieħdu miżuri b'mod ikkoordinat u effikaċi. Huwa jobbliga lill-Istati Membri jikkooperaw f'livell reġjonali u, fejn applikabbli, b'mod bilaterali, fi spirtu ta' solidarjetà. Huwa jistabbilixxi wkoll qafas għall-monitoraġġ effettiv tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fl-Unjoni permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku (ECG), li ġie stabbilit permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012¹ bħala forum li fih tiġi skambjata l-informazzjoni u titrawwem il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll il-qafas ta' monitoraġġ huma maħsuba biex tinkiseb tħejjija aħjar għar-riskji b'inqas spejjeż. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jsaħħaħ ukoll is-suq intern tal-elettriku billi jsaħħaħ il-fiduċja u l-kunfidenza bejn l-Istati Membri u jelimina interventi żejda mill-Istat fi kriżijiet tal-elettriku, u b'mod partikolari jevita tnaqqis indebitu tal-flussi transfruntiera u tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni transżonali, b'tali mod li jitnaqqas ir-riskju ta' effetti kollaterali negattivi fuq l-Istati Membri ġirien.

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 li twaqqaf Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku (ĠU C 353, 17.11.2012, p. 2).

- (7) Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi regoli ġenerali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li ser jiġu żviluppati regoli speċifiċi dwar iċ-ċibersigurtà permezz ta' kodiċi tan-netwerk kif previst fir-Regolament (UE) 2019/...⁺. Dan ir-Regolament jikkomplementa d-Direttiva (EU) 2016/1148 billi jiżgura li ċ-ċiberinċidenti jiġu identifikati kif xieraq bħala riskju, u li l-miżuri meħuda sabiex jiġu indirizzati jkunu riflessi kif xieraq fil-pjanijiet ta' thejjiġa għar-riskji.
- (8) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE² tistabbilixxi proċess bl-għan li jtejjeb is-sigurtà ta' infrastruttura kritika Ewropea speċifikata, inkluża ċerta infrastruttura tal-elettriku. Id-Direttiva 2008/114/KE, flimkien ma' dan ir-Regolament, tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' approċċ komprensiv għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni.

¹ Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

² Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

- (9) Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-Istati Membri sabiex jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq kull tliet snin, u sabiex jiżviluppaw u jirfinaw l-ippjanar tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali xieraq. L-azzjonijiet speċifiċi ta' prevenzjoni, ta' tħejjija u ta' ppjanar għar-riskju msemmija f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-valutazzjonijiet nazzjonali usa' tar-riskju ta' diversi perikli meħtieġa taħt id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

¹ Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

- (10) L-Istati Membri huma responsabbli li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fit-territorji tagħhom, filwaqt li s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku hija wkoll responsabbiltà kondiviża fost il-Kummissjoni u atturi oħrajn tal-Unjoni, fi ħdan is-setturi rispettivi tagħhom ta' attività u kompetenza. Is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tirrikjedi kooperazzjoni effettiva fost l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Istati Membri, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' sistema tal-elettriku sigura, affidabbli u effiċjenti skont l-Artikoli 31 u 40 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺. L-awtoritajiet regolatorji u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra għandhom ukoll rwol importanti fl-iżgurar u s-sorveljanza tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, bħala parti mill-kompiti tagħhom attribwiti mill-Artikolu 59 tad-Direttiva (UE) .../...⁺. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnominaw entità eżistenti jew entità ġdida bħala l-awtorità nazzjonali governattiva jew regolatorja kompetenti unika tagħhom bil-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni trasparenti u inklużiva tal-atturi kollha involuti, it-tħejjija effiċjenti u l-implimentazzjoni korretta tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, kif ukoll tiffaċilita l-prevenzjoni u l-evalwazzjoni ex post tal-kriżijiet tal-elettriku u l-iskambji ta' informazzjoni fir-rigward tagħhom.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS 10/19 (2016/0380(COD)).

- (11) Approċċ komuni għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku jirrikjedi fehim komuni, bejn l-Istati Membri, dwar x'tikkostitwixxi kriżi tal-elettriku. B'mod partikolari jenħtieġ li dan ir-Regolament jiffaċilita l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri għall-fini tal-identifikazzjoni ta' sitwazzjoni fejn jeżisti jew ikun imminenti r-riskju potenzjali ta' qtugħ tal-elettriku sinifikanti jew l-impossibbiltà li jiġi pprovdut l-elettriku lill-konsumaturi. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku ("ENTSO għall-Elettriku") u l-Istati Membri jenħtieġ li, rispettivament, jiddeterminaw xenarji konkreti ta' kriżi tal-elettriku fil-livell reġjonali u nazzjonali. Dak l-approċċ jenħtieġ li jiżgura li l-kriżijiet rilevanti kollha tal-elettriku jkunu koperti, filwaqt li jqis l-ispeċifitajiet reġjonali u nazzjonali bħat-topoloġija tal-grilja, it-taħlita tal-elettriku, id-daqs tal-produzzjoni u l-konsum u l-livell tad-densità tal-popolazzjoni.

- (12) Approċċ komuni għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jużaw l-istess metodi u definizzjonijiet sabiex jidentifikaw riskji relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u jkunu effettivament f'pożizzjoni li jqabblu kemm huma u l-ġirien tagħhom se jrin tajjeb f'dak il-qasam. Dan ir-Regolament jidentifika żewġ indikaturi għas-sorveljanza tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fl-Unjoni: "enerġija mistennija mhux servita", espressa f'GWh/sena, u "telf bit-tagħbija mistenni", espressa f'sigħat kull sena. Dawk l-indikaturi huma parti mill-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi mwettqa mill-ENTSO għall-Elettriku, skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2019/...⁺. L-ECG jenħtieġ li jwettaq monitoraġġ regolari tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fuq il-bażi tar-risultati ta' dawk l-indikaturi. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tenħtieġ li tuża dawk l-indikaturi anki meta tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fir-rapporti annwali tagħha ta' monitoraġġ tas-suq tal-elettriku, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/...¹⁺⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

¹ Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 83/18 (2016/0378(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (13) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-valutazzjonijiet tar-riskju b'mod li tinbena l-fiduċja bejn l-Istati Membri fi kriżi tal-elettriku, hemm bżonn ta' approċċ komuni għall-identifikazzjoni tax-xenarji ta' riskju. Għaldaqstant, l-ENTSO għall-Elettriku, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jenħtieġ li jiżviluppa u jaġġorna metodoloġija komuni għall-identifikazzjoni tar-riskju f'kooperazzjoni mal-ACER, u mal-ECG, fil-formazzjoni tagħha, magħmula biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku jipproponi l-metodoloġija u jenħtieġ li l-ACER tapprovaha. L-ACER, meta tikkonsulta lill-ECG, tenħtieġ li tqis bis-sħiħ il-fehmiet tal-ECG. Jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku jaġġorna l-metodoloġija komuni għall-identifikazzjoni tar-riskju meta ssir disponibbli informazzjoni ġdida sinifikanti.

- (14) Fuq il-bażi tal-metodoloġija komuni għall-identifikazzjoni tar-riskju, l-ENTSO għall-Elettriku jenħtieġ li jfassal u jaġġorna b'mod regolari xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali u jidentifika l-aktar riskji rilevanti għal kull reġjun bħal kondizzjonijiet ta' temp estrem, diżastri naturali, nuqqas ta' fjuwil jew attakki malizzjużi. Meta jiġi kkunsidrat ix-xenarju ta' kriżi ta' nuqqas ta' fjuwil tal-gass, jenħtieġ li jiġi vvalutat ir-riskju ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fuq il-bażi tax-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista u tal-infrastruttura tal-gass żviluppati min-Netzwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSOG) skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. L-ENTSO għall-Elettriku jenħtieġ li jkun jista' jiddelega kompiti relatati mal-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali stabbiliti skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2019/...⁺. Dawk il-kompiti delegati jenħtieġ li jsiru taħt is-superviżjoni tal-ENTSO għall-Elettriku. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu u jaġġornaw ix-xenarji ta' kriżi tal-elettriku nazzjonali tagħhom fuq il-bażi ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali fil-prinċipju kull erba' snin. Dawk ix-xenarji jenħtieġ li jipprovdu l-bażi għall-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji. Meta jidentifikaw ir-riskji fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeskrivu wkoll kwalunkwe riskju li jidentifikaw b'rabta mas-sjieda tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u kwalunkwe miżura meħuda biex jiġu indirizzati dawk ir-riskji bħal liġijiet ġenerali jew speċifiċi għas-settur dwar l-analiżi ta' investimenti, drittijiet speċjali għal ċerti azzjonisti, b'indikazzjoni għaliex iqisu li tali miżuri bħala neċessarji u proporzjonati.

¹ Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

- (15) Approċċ ġenerali għall-identifikazzjoni tax-xenarji ta' riskju u għall-iżvilupp ta' miżuri ta' prevenzjoni, tħejjija u mitigazzjoni jenħtieġ li jġib miegħu benefiċċji sinifikanti f'termini tal-effikaċja ta' dawk il-miżuri u tal-użu ottimali tar-riżorsi. Barra minn hekk, fi kriżi tal-elettriku simultanja, approċċ ikkoordinat u miftiehem minn qabel jiżgura rispons konsistenti u jnaqqas ir-riskju ta' tixrid ta' effetti negattivi li jista' jkollhom miżuri purament nazzjonali fi Stati Membri ġirien. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jeħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw f'kuntest reġjonali.

- (16) Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali jenħtieġ li jwettqu l-kompiti ta' rilevanza reġjonali assenjati lilhom skont ir-Regolament (UE) 2019/...⁺. Sabiex jiġi żgurat li jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u jaġixxu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti bl-għan li jiġu evitati u mmitigati inċidenti tal-elettriku fuq skala akbar, il-kooperazzjoni reġjonali meħtieġa taħt dan ir-Regolament tenħtieġ li tibni fuq l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali użati f'livell tekniku, jiġifieri l-gruppi ta' Stati Membri li jaqsmu l-istess ċentru ta' kooperazzjoni reġjonali. Ir-reġjuni ġeografiċi taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali huma għalhekk rilevanti għall-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali u l-valutazzjonijiet tar-riskju. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiffurmaw sottogruppi fi ħdan ir-reġjuni għall-fini ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-miżuri reġjonali konkreti, billi l-kapaċità teknika li tingħata assistenza reċiproka lil xulxin fi kriżi tal-elettriku hija essenzjali. Tali sottogruppi jistgħu jkunu bbażati fuq forums ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti. Dan peress li mhux l-Istati Membri kollha f'reġjun akbar neċessarjament se jkunu jistgħu jipprovdu l-elettriku lil Stat Membru ieħor fi kriżi tal-elettriku. Għalhekk, mhuwiex neċessarju li l-Istati Membri kollha f'reġjun jikkonkludu ftehimiet reġjonali dwar miżuri reġjonali konkreti. Minflok, l-Istati Membri li jkollhom il-kapaċità teknika li jipprovdu assistenza lil xulxin jenħtieġ li jikkonkludu tali ftehimiet.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

- (17) Ir-Regolament (UE) 2019/...⁺ jipprevedi l-użu ta' metodoloġija komuni għall-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi fit-terminu medju sa fit-tul (minn 10 snin bil-quddiem sa sena bil-quddiem), bl-għan li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri rigward il-ħtiġijiet ta' investment possibbli jsiru fuq bażi trasparenti u maqbula b'mod komuni. Il-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi għandha skop differenti mill-valutazzjonijiet tal-adegwatezza għal terminu qasir li jintużaw għall-identifikazzjoni ta' problemi possibbli relatati mal-adegwatezza f'perjodi qosra, jiġifieri valutazzjoni tal-adegwatezza staġjonali (sitt xhur minn qabel) u valutazzjonijiet tal-adegwatezza ta' ġimgħa bil-quddiem sa mill-inqas ġurnata qabel. Rigward il-valutazzjonijiet għal terminu qasir, hemm bżonn ta' approċċ komuni għall-mod kif jiġu identifikati l-problemi possibbli relatati mal-adegwatezza. L-ENTSO għall-Elettriku jenħtieġ li jwettaq valutazzjoni tal-adegwatezza għax-xitwa u għas-sajf sabiex iwissi lill-Istati Membri u lil operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni dwar riskji relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku li jistgħu jinqalgħu fis-sitt xhur li jmiss. Biex jittejjbu dawk il-valutazzjonijiet tal-adegwatezza, jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku jiżviluppa metodoloġija probablistika komuni għalihom, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u f'kooperazzjoni mal-ACER, u mal-ECG, fil-formazzjoni tagħha magħmula biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku jipproponi dik il-metodoloġija u aġġornamenti tagħha lill-ACER, u jenħtieġ li l-ACER tapprova l-proposta u l-aġġornamenti. Meta tikkonsulta l-ECG, jenħtieġ li l-ACER tqis sew il-fehmiet espressi mill-ECG. Jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku jaġġorna l-metodoloġija komuni meta tkun disponibbli informazzjoni ġdida sinifikanti. Jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku jkun kapaċi jiddelega kompiti relatati mal-valutazzjonijiet tal-adegwatezza staġjonali liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, filwaqt li jenħtieġ li l-kompiti delegati jitwettqu taħt is-superviżjoni tal-ENTSO għall-Elettriku.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

- (18) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jenħtieġ li japplikaw il-metodoloġija użata għat-tħejjija ta' valutazzjonijiet tal-adegwatezza staġjonali meta jwettqu kwalunkwe tip ieħor ta' valutazzjoni tar-riskju għal terminu qasir, jiġifieri l-previżjonijiet tal-adegwatezza tal-provvista ġenerata ta' ġimgħa bil-quddiem sa mill-inqas ġurnata qabel ipprovduti fir-Regolament (UE) 2017/1485.
- (19) Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet tal-elettriku, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tenħtieġ li tfassal pjan ta' tħejjija għar-riskji abbażi tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku fil-livell reġjonali u nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati jew lir-rappreżentanti tal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati, bħar-rappreżentanti ta' produtturi jew tal-korpi tal-kummerċ tagħhom jew ta' operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, fejn dawn ikunu rilevanti għall-prevenzjoni u t-trattament ta' kriżi tal-elettriku. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiddeċiedu dwar l-arranġamenti xierqa għat-twettiq tal-konsultazzjoni. Il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji jenħtieġ li jiddeskrivu miżuri effettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji li jindirizzaw ix-xenarji kollha tal-kriżi tal-elettriku identifikati. Jenħtieġ li jitqies l-impatt ambjentali tal-miżuri proposti mil-lat ta' provvista u mil-lat ta' domanda. Il-pjanijiet jenħtieġ li jipprovdu trasparenza speċjalment fir-rigward tal-kondizzjonijiet li fihom jistgħu jittieħdu miżuri mhux ibbażati fuq is-suq sabiex jiġu mitigati sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku. Il-miżuri previsti kollha mhux ibbażati fuq is-suq jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji jenħtieġ li jiġu ppubblikati, filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva.

- (20) Il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri nazzjonali, reġjonali u, fejn applikabbli, bilaterali. Il-miżuri reġjonali u, fejn applikabbli, il-miżuri bilaterali, huma neċessarji speċjalment f'każ ta' kriżi tal-elettriku simultanja, meta jkun meħtieġ approċċ ikkoordinat u miftiehem minn qabel biex jiżgura rispons konsistenti u jnaqqas ir-riskji ta' effetti ulterjuri negattivi. Għal dak il-għan, qabel ma jadottaw il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri rilevanti. L-Istati Membri rilevanti huma dawk fejn jista' jkun hemm effetti ulterjuri negattivi jew impatti oħra fuq is-sistema tal-elettriku ta' xulxin, kemm jekk dawk l-Istati Membri jkunu fl-istess reġjun kif ukoll jekk ikunu direttament konnessi. Il-pjanijiet jenħtieġ li iqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali rilevanti inkluża s-sitwazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u ta' xi sistemi mikroizolati li ma jkunux konnessi mas-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jaslu għall-konklużjonijiet xierqa fir-rigward, fost l-oħrajn, tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-identifikazzjoni ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku fil-livell reġjonali u l-miżuri reġjonali u bilaterali stabbiliti fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji kif ukoll fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar assistenza. Il-pjanijiet jenħtieġ li jistabbilixxu biċ-ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti. Il-miżuri nazzjonali jenħtieġ li jqisu bis-siġħ il-miżuri reġjonali u bilaterali stabbiliti u jenħtieġ li jisfruttaw bis-siġħ l-opportunitajiet ipprovduti mill-kooperazzjoni reġjonali. Il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu ta' natura teknika u operattiva, bil-funzjoni tagħhom li tkun li jgħinu fil-prevenzjoni tal-preżenza jew tal-eskalazzjoni ta' kriżi tal-elettriku kif ukoll sabiex itaffu l-effetti tagħha.

- (21) Il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji jenħtieġ li jiġu aġġornati b'mod regolari. Sabiex jiżguraw li l-pjanijiet dejjem ikunu aġġornati u effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' kull reġjun jenħtieġ li jorganizzaw simulazzjonijiet kull sentejn ta' kriżi tal-elettriku f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u partijiet ikkonċernati oħra sabiex jittestjaw l-adegwatezza tagħhom.
- (22) Il-mudell previst f'dan ir-Regolament huwa maħsub biex jiffaċilita t-tħejjija tal-pjanijiet, b'mod li jippermetti l-inklużjoni ta' informazzjoni addizzjonali speċifika dwar l-Istat Membru. Il-mudell huwa maħsub ukoll biex jiffaċilita l-konsultazzjoni ma' Stati Membri oħrajn fir-reġjun ikkonċernat u mal-ECG. Il-konsultazzjoni fir-reġjun u fl-ECG tenħtieġ li tiżgura li l-miżuri meħudin fi Stat Membru jew f'reġjun wieħed ma jixħtux f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku ta' Stati Membri jew ta' reġjuni oħrajn.

- (23) Huwa importanti li jiġu ffaċilitati l-komunikazzjoni u t-trasparenza bejn l-Istati Membri, meta jkollhom informazzjoni konkreta, serja u affidabbli li tista' ssejtni kriżi tal-elettriku. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jinformaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri ġirien u lill-ECG mingħajr dewmien indebitu, filwaqt li jipprovdu, b'mod partikolari, informazzjoni dwar il-kawżi tad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku, il-miżuri ppjanati għall-prevenzjoni ta' kriżi tal-elettriku u l-ħtieġa possibbli ta' assistenza mingħand Stati Membri oħrajn.
- (24) L-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' kriżi tal-elettriku huwa essenzjali sabiex jiġu żgurati azzjoni kkoordinata u assistenza mmirata. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jobbliga lill-awtorità kompetenti sabiex tinforma lill-Istati Membri fir-reġjun, lill-Istati Membri ġirien u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien indebitu meta tiffaċċja kriżi tal-elettriku. L-awtorità kompetenti tenħtieġ li tipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-kawżi tal-kriżi, il-miżuri ppjanati jew meħudin għall-mitigazzjoni tal-kriżi u l-ħtieġa possibbli ta' assistenza mingħand Stati Membri oħrajn; Fejn dik l-assistenza tmur lil hinn mis-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jenħtieġ li jibqa' l-qafas legali applikabbli.

- (25) Fil-każ ta' kriżi tal-elettriku, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw fi spirtu ta' solidarjetà. Flimkien ma' din ir-regola ġenerali, jenħtieġ li jkun hemm provvediment xieraq biex l-Istati Membri joffru assistenza lil xulxin f'każ ta' kriżi tal-elettriku. Din l-assistenza tenħtieġ li tkun ibbażata fuq miżuri maqbula minn qabel u kkoordinati, stabbiliti fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji. Dan ir-Regolament jagħti lill-Istati Membri diskrezzjoni wiesgħa meta jaqblu dwar il-kontenut ta' tali miżuri kkoordinati u għalhekk dwar il-kontenut tal-assistenza li joffru. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu u jaqblu dwar tali miżuri kkoordinati, filwaqt li jqisu d-domanda u l-provvista. Fl-istess ħin, dan ir-Regolament jiżgura li, għall-fini tal-assistenza miftiehma, l-elettriku jiġi pprovdut b'mod koordinat. L-Istati Membri jenħtieġ li jaqblu wkoll dwar l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri reġjonali u bilaterali li dwarhom sar qbil. Taħt daww l-arranġamenti tekniċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jindikaw il-kwantitajiet massimi tal-elettriku li jkollhom jiġu fornuti, li jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid abbażi tal-fattibbiltà teknika tal-provvista tal-elettriku ladarba l-assistenza tkun meħtieġa matul kriżi tal-elettriku. Sussegwentement, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri reġjonali u bilaterali li dwarhom sar qbil u tal-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji.

- (26) Meta jiġu biex jiftiehm u dwar miżuri koordinati u arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji u dispożizzjonijiet oħra ta' implimentazzjoni dwar l-assistenza, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu fatturi soċjali u ekonomiċi, inkluża s-sigurtà ta' ċittadini tal-Unjoni, u l-proporzjonalità. Huma mħeġġa jaqsmu l-aħjar prattiki u jużaw l-ECG bħala pjattaforma ta' diskussjoni li permezz tagħha jiġu identifikati l-għażliet disponibbli għall-assistenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri koordinati u l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa, inkluż kumpens ġust. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita t-tnejn tal-miżuri reġjonali u bilaterali.
- (27) L-assistenza bejn l-Istati Membri taħt dan ir-Regolament tenħtieġ li tkun soġġetta għal kumpens ġust maqbul bejn l-Istati Membri. Dan ir-Regolament ma jarmonizzax l-aspetti kollha ta' tali kumpens ġust bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk jaqblu fuq dispożizzjonijiet għal kumpens ġust qabel ma tingħata l-assistenza. L-Istat Membru li jitlob assistenza jenħtieġ li jħallas fil-pront ta' tali kumpens, jew jiżgura l-ħlas fil-pront tiegħu, lill-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza. Il-Kummissjoni tenħtieġ li ttipprovdi gwida mhux vinkolanti dwar l-elementi ewlenin ta' kumpens ġust u elementi oħra tal-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji.

- (28) Meta jipprovdu assistenza taħt dan ir-Regolament, l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni u għalhekk huma marbuta li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni. Tali assistenza tista' għaldaqstant, skont il-miżuri maqbula bejn l-Istati Membri, toħloq obbligu għal Stat Membru li jħallas kumpens lil dawk milquta mill-miżuri tiegħu. L-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk jiżguraw, fejn ikun meħtieġ, li jkunu fis-seħħ regoli nazzjonali ta' kumpens li jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, l-Istat Membru li jirċievi assistenza jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar jerfa' l-ispejjeż raġonevoli kollha li Stat Membru ieħor iġarrab bħala riżultat tal-għoti ta' assistenza skont tali regoli nazzjonali ta' kumpens.
- (29) Fil-każ ta' kriżi tal-elettriku, l-assistenza tenħtieġ li tingħata anki jekk l-Istati Membri ma jkunux għadhom qablu dwar miżuri koordinati u arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji kif mitlub mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-assistenza. Sabiex ikunu jistgħu jipprovdu assistenza ftali sitwazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaqblu dwar miżuri u arranġamenti ad hoc li jissostitwixxu l-miżuri koordinati u l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji li jkunu nieqsa.
- (30) Dan ir-Regolament jintroduċi tali mekkaniżmu ta' assistenza bejn l-Istati Membri bħala strument għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni ta' kriżi tal-elettriku fl-Unjoni. Il-Kummissjoni tenħtieġ li għalhekk tirrivedi l-mekkaniżmu ta' assistenza fid-dawl tal-esperjenza futura tat-tħaddim tiegħu, u tipproponi, fejn ikun xieraq, modifiki għalih.

- (31) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti lill-intrapriżi u lill-konsumaturi tal-elettriku sabiex jiddependu fuq il-mekkaniżmi tas-suq stipulati fir-Regolament (UE) 2019/...⁺ u d-Direttiva (UE) 2019/...⁺⁺ kemm ikun hemm bżonn meta affaċċjati minn kriżijiet tal-elettriku. Ir-regoli li jirregolaw is-suq intern u r-regoli dwar l-funzjonament tas-sistemi jenħtieġ li jkunu rrispettati anki fi kriżijiet tal-elettriku. Tali regoli jinkludu l-punt (i) tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2017/1485 u l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2017/2196, li jirregolaw it-tnaqqis ta' transazzjonijiet, il-limitazzjoni tal-provvista tal-kapaċità transżonali għall-allokazzjoni tal-kapaċità jew il-limitazzjoni tal-provvista ta' skedi. Dan ifisser li miżuri mhux ibbażati fuq is-suq, bħal skonnessjoni furzata tad-domanda, jew il-forniment ta' provvisti żejda barra l-funzjonament normali tas-suq jenħtieġ li jittieħdu biss bħala l-aħħar alternattiva, meta jkunu ġew ippruvati l-possibbiltajiet kollha pprovduti mis-suq. Għaldaqstant, skonnessjoni furzata tad-domanda tenħtieġ li tiġi introdotta biss wara li jkunu ġew eżawriti l-possibbiltajiet kollha għal skonnessjoni volontarja tad-domanda. Barra minn hekk, kwalunkwe miżura mhux ibbażata fuq is-suq tenħtieġ li tkun neċessarja, proporzjonata, mhux diskriminatorja u temporanja.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE- CONS 10/19 (2016/0380(COD)).

- (32) Sabiex jiżguraw it-trasparenza wara kriżi tal-elettriku, l-awtorità kompetenti li ddikjarat il-kriżi tal-elettriku tenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ex post tal-kriżi u tal-impatti tagħha. Dik l-evalwazzjoni tenħtieġ li tqis, fost l-oħrajn, l-effikaċja u l-proporzjonalità tal-miżuri meħudin kif ukoll il-kost ekonomiku tagħhom. Dik l-evalwazzjoni tenħtieġ li tkopri wkoll kunsiderazzjonijiet transfruntiera bħall-impatt tal-miżuri fuq Stati Membri oħrajn u l-livell tal-assistenza li l-Istat Membru li ddikjara l-kriżi tal-elettriku rċieva mingħandhom.
- (33) L-obbligi ta' trasparenza jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri kollha meħudin għall-prevenzjoni jew għall-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku jikkonformaw mar-regoli dwar is-suq intern u jikkonformaw mal-prinċipji ta' kooperazzjoni u ta' solidarjetà li huma l-bażi tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (34) Dan ir-Regolament isaħħaħ ir-rwol tal-ECG. Dan jenħtieġ li jwettaq kompiti speċifiċi, b'mod partikolari b'rabta mal-iżvilupp ta' metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' xenarji reġjonali ta' kriżi tal-elettriku u ta' metodoloġija għall-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza għal terminu qasir u staġjonali u b'rabta mat-tħejjija tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, u jenħtieġ li jkollu rwol prominenti fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, u fl-iżvilupp tal-aħjar prattiki fuq din il-bażi.

- (35) Huwa possibbli li kriżi tal-elettriku testendi lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni sat-territorju tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. Bħala Parti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, l-Unjoni tenħtieġ li tippromwovi emendi għal dak it-Trattat bl-għan li jinħoloq suq integrat u spazju regolatorju uniku billi jiġi pprovdut qafas regolatorju adegwat u stabbli. Sabiex tiżgura ġestjoni effiċjenti ta' kriżijiet, l-Unjoni tenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija meta jipprevjenu, iħejju għal, u jiġġestixxu kriżi tal-elettriku.
- (36) Fejn il-Kummissjoni, l-ACER, l-ECG, l-ENTSO għall-Elettriku, l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji kompetenti u nazzjonali tagħhom, jew kwalunkwe korp, entità jew persuna oħra, jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament, huma jenħtieġ li jiżguraw il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni. Għal dak il-għan, l-informazzjoni kunfidenzjali tenħtieġ li tkun soġġetta għar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali fis-seħħ dwar it-trattament tal-informazzjoni u l-proċessi kunfidenzjali.
- (37) Ladarba l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li fl-Unjoni jiżgura l-aktar tħejjija effettiva u effiċjenti għar-riskji, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.

- (38) Ċipru bħalissa huwa l-uniku Stat Membru li mhuwiex konness direttament ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li jiġi ċċarat fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li, sakemm tippersisti din is-sitwazzjoni, daww id-dispożizzjonijiet, jiġifieri dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni ta' xenarji reġjonali ta' kriżi tal-elettriku, dwar l-inklużjoni ta' miżuri reġjonali u bilaterali stabbiliti fi pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, u dwar l-assistenza, ma japplikawx fir-rigward ta' Ċipru. Ċipru u Stati Membri rilevanti oħra huma mħeġġa jżviluppaw, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, miżuri u proċeduri alternattivi fl-oqsma koperti minn daww id-dispożizzjonijiet, sakemm tali miżuri u proċeduri alternattivi ma jaffettwawx l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament bejn l-Istati Membri l-oħra.
- (39) Id-Direttiva 2005/89/KE tenħtieġ li titħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal kooperazzjoni bejn Stati Membri bl-għan tal-prevenzjoni ta', it-tħejjija għal, u l-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku fi spirtu ta' solidarjetà u ta' trasparenza u b'kunsiderazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' suq intern kompetittiv tal-elettriku.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "sigurtà tal-provvista tal-elettriku" tfisser il-kapaċità ta' sistema tal-elettriku li tiggarantixxi l-provvista ta' elettriku lill-konsumaturi b'livell stabbilit b'mod ċar ta' prestazzjoni, kif iddeterminat mill-Istati Membri kkonċernati;
- (2) 'operatur ta' sistema ta' trasmissjoni' tfisser operatur ta' sistema ta' trasmissjoni kif definit fil-punt (35) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 10/19 (2016/0380(COD)).

- (3) 'distribuzzjoni' tfisser distribuzzjoni kif definita fil-punt (28) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (4) 'fluss transkonfinali' tfisser fluss transkonfinali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 (2) tar-Regolament (UE) 2019/...⁺⁺;
- (5) 'kapaċità transzonal' tfisser il-kapaċità kemm is-sistema interkonnessa tkun tista' takkomoda t-trasferiment tal-enerġija bejn iż-żoni tal-offerti;
- (6) 'klijent' tfisser klijent kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (7) 'operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni' tfisser operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni kif definit fil-punt (29) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (8) 'ġenerazzjoni' tfisser ġenerazzjoni kif definita fil-punt (37) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (9) "kriżi tal-elettriku" tfisser sitwazzjoni preżenti jew imminenti li fiha nuqqas sinifikanti ta' elettriku, kif iddeterminat mill-Istati Membri u kif deskritt fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, jew fiha impossibbiltà ta' provvista tal-elettriku lill-konsumaturi;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 10/19 (2016/0380(COD)).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

- (10) "kriżi tal-elettriku simultanja" tfisser kriżi tal-elettriku li taffettwa lil aktar minn Stat Membru wieħed fl-istess ħin;
- (11) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità governattiva nazzjonali jew awtorità regolatorja nominata minn Stat Membru skont l-Artikolu 3;
- (12) 'awtoritajiet regolatorji' tfisser awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (13) "koordinatur tal-kriżi" tfisser persuna, grupp ta' persuni, tim kompost mill-manigġers nazzjonali rilevanti għall-kriżi tal-elettriku jew istituzzjoni li jkollhom il-kariga ta' punt ta' kuntatt u li jikkoordinaw il-fluss tal-informazzjoni matul kriżi tal-elettriku;
- (14) "miżura mhux ibbażata fuq is-suq" tfisser kwalunkwe miżura mil-lat tal-provvista jew tad-domanda li tiddevja mir-regoli tas-suq jew minn ftehimiet kummerċjali, bl-għan li timmitiga kriżi tal-elettriku;
- (15) "produttur" tfisser produttur kif definit fil-punt (38) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (16) "reġjun" tfisser grupp ta' Stati Membri li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tagħhom jikkondividu l-istess ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2019/...⁺⁺;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS .10/19 (2016/0380(COD)).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

- (17) "sottogrupp" tfisser grupp ta' Stati Membri, f'reġjun, li jkollhom il-kapaċità teknika li jipprovdu assistenza lil xulxin skont l-Artikolu 15;
- (18) "twissija bikrija" tfisser l-ġhoti ta' informazzjoni konkreta, serja, affidabbli li tindika li jista' jseħħ avveniment li aktarx jirriżulta f'deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku u aktarx li jwassal għal kriżi tal-elettriku;
- (19) 'trasmissjoni' tfisser trasmissjoni kif definita fil-punt (34) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (20) 'impriża tal-elettriku' tfisser impriża tal-elettriku kif definita fil-punt (57) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/...⁺;
- (21) 'allokazzjoni ta' kapaċità' tfisser l-attribuzzjoni tal-kapaċità transzjonali;
- (22) 'enerġija minn sorsi rinnovabbli' tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli jew enerġija rinnovabbli kif definita fil-punt (31) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE)/...⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 10/19 (2016/0380(COD)).

Artikolu 3
Awtorità kompetenti

1. Mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità governattiva jew regolatorja nazzjonali bħala l-awtorità kompetenti tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli u jikkooperaw ma' xulxin sabiex iwettqu l-kompiti previsti f'dan ir-Regolament. Fejn adatt, sa meta tiġi nominata l-awtorità kompetenti, l-entitajiet nazzjonali responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku għandhom iwettqu l-kompiti tal-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ECG u jippubblikaw l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom nominati skont il-paragrafu 1 u kwalunkwe tibdil fl-isem jew fid-dettalji ta' kuntatt tagħhom.
3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti biex tiddelega kompiti operazzjonali rigward l-ippjanar ta' thejjiġa għar-riskji u l-ġestjoni tar-riskju stabbiliti f'dan ir-Regolament lil korpi oħra. Il-kompiti delegati għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti u għandhom ikunu speċifikati fil-pjan ta' thejjiġa għar-riskji f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 11(1).

Kapitolu II

Valutazzjoni tar-riskji

Artikolu 4

Valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku

Kull awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-riskji kollha rilevanti relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku jiġu vvalutati skont ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2019/...⁺. Għal dak il-għan hi għandha tikkoopera ma' operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni, ma' operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni, mal-awtoritajiet regolatorji, mal-ENTSO għall-Elettriku, ma' ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif meħtieġ.

Artikolu 5

Il-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' xenarji reġjonali ta' kriżi tal-elettriku

1. Sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ENTSO għall-Elettriku għandu jippreżenta għand l-ACER proposta għal metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-aktar xenarji reġjonali ta' kriżi tal-elettriku rilevanti.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

2. Il-metodoloġija proposta għandha tidentifika xenarji ta' kriżi tal-elettriku relattivament għall-adegwatezza tas-sistema, is-sigurtà tas-sistema u s-sigurtà tal-fjuwil fuq il-bażi ta', mill-anqas, ir-riskji li ġejjin:
- (a) perikli naturali rari u estremi;
 - (b) perikli aċċidentali li jmorru lil hinn mill-kriterju ta' sigurtà N-1 u kontinġenzi eċċezzjonali;
 - (c) perikli konsegwenzjali inklużi l-konsegwenzi ta' attakki malizzjużi u ta' nuqqas ta' fjuwil.
3. Il-metodoloġija proposta għandha tinkludi tal-anqas l-elementi li ġejjin:
- (a) kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali rilevanti kollha, inklużi kwalunkwe sottogruppi;
 - (b) l-interazzjoni u l-korrelazzjoni ta' riskji f'livell transfruntier;
 - (c) simulazzjonijiet ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku simultanja;
 - (d) il-klassifikazzjoni tar-riskji skont l-impatt u l-probabbiltà ta' tagħhom;
 - (e) prinċipji dwar kif tiġi ttrattata informazzjoni sensittiva b'mod li tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-pubbliku.

4. Meta jitqiesu r-riskji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fil-kuntest tal-identifikazzjoni tar-riskji skont il-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ENTSO għall-Elettriku għandu juża x-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista u tal-infrastruttura tal-gass naturali żviluppati mill-ENTSOG skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1938.
5. Qabel ma jippreżenta l-metodoloġija proposta lill-ACER, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jwettaq eżerċizzju ta' konsultazzjoni li jinvolvi tal-anqas iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, organizzazzjonijiet industrijali u tal-konsumatur, produtturi jew il-korpi kummerċjali tagħhom, operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni rilevanti, awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet regolatorji u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn. L-ENTSO-E għandu debitament jikkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni u jippreżentahom, flimkien mal-metodoloġija proposta, f'laqgħa tal-ECG.
6. Fi żmien xahrejn mindu tirċievi l-metodoloġija proposta, l-ACER għandha, wara li tikkonsulta lill-ECG, fil-formazzjoni tiegħu magħmula biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tapprova jew temenda l-proposta. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ACER għandhom jippubblikaw il-verżjoni finali tal-metodoloġija fuq is-siti web tagħhom.

7. L-ENTSO għall-Elettriku għandu jaġġorna u jtejjeb il-metodoloġija skont il-paragrafi 1 sa 6 meta ssir disponibbli informazzjoni sinifikanti ġdida. L-ECG, fil-formazzjoni tiegħu magħmul biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri, jista' jirrakkomanda, u l-ACER jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu, tali aġġornamenti u titjib filwaqt li debitament jipprovdu l-ġustifikazzjoni tagħhom. Fi żmien sitt xhur mir-riċezzjoni tat-talba, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jippreżenta abbozz tat-tibdiliet proposti lill-ACER. Fi żmien xahrejn mindu tirċievi tali abbozz, l-ACER għandha, wara li tikkonsulta lill-ECG fil-formazzjoni tiegħu magħmula biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tapprova jew temenda t-tibdiliet proposti. Jenħtieġ li l-ENTSO għall-Elettriku u l-ACER jipubblikaw il-verżjoni finali tal-metodoloġija aġġornata fuq is-siti web tagħhom.

Artikolu 6

L-identifikazzjoni ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali

1. Fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni ta' metodoloġija skont l-Artikolu 5(6), l-ENTSO għall-Elettriku għandu, abbażi ta' dik il-metodoloġija u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ECG, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji, jidentifika l-aktar xenarji ta' kriżi tal-elettriku rilevanti għal kull reġjun. Jista' jiddelega kompiti relatati mal-identifikazzjoni ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali.

2. L-ENTSO għall-Elettriku għandu jippreżenta x-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni rilevanti, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji kif ukoll lill-ECG. L-ECG jista' jirrakkomanda emendi.
3. L-ENTSO għall-Elettriku għandu jaġġorna x-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali kull erba' snin, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jiġġustifikawx aġġornamenti aktar spissi.

Artikolu 7

L-identifikazzjoni ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku nazzjonali

1. Fi żmien erba' xhur mill-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali skont l-Artikolu 6(1), l-awtorità kompetenti għandha tidentifika l-aktar xenarji ta' kriżi tal-elettriku rilevanti fil-livell nazzjonali.
2. Meta tidentifika x-xenarji ta' kriżi tal-elettriku nazzjonali, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti, il-produtturi rilevanti jew il-korpi kummerċjali tagħhom u l-awtorità regolatorja meta hija ma tkunx l-awtorità kompetenti.

3. Ix-xenarji ta' kriżi tal-elettriku nazzjonali għandhom ikunu identifikati fuq il-bażi ta' mill-anqas ir-riskji msemmin fl-Artikolu 5(2) u għandhom ikunu konsistenti max-xenarji tal-kriżi tal-elettriku reġjonali identifikati f'konformità mal-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jaġġornaw ix-xenarji tal-kriżi tal-elettriku nazzjonali kull erba' snin, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jiġġustifikawx aġġornamenti aktar spissi.
4. Fi żmien erba' xhur mill-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali skont l-Artikolu 6(1), l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-ECG u lill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tagħhom tar-riskji relattivament għas-sjieda ta' infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u dwar kwalunkwe miżura meħuda għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni ta' tali riskji, b'indikazzjoni dwar għaliex tali miżuri huma meqjusin neċessarji u proporzjonati.

Artikolu 8

Il-metodoloġija għal valutazzjonijiet tal-adegwatezza għal terminu qasir u dawk staġjonali

1. Sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ENTSO għall-Elettriku għandu jippreżenta lill-ACER proposta għal metodoloġija għall-valutazzjoni tal-adegwatezza staġjonali u għall-valutazzjoni tal-adegwatezza għal terminu qasir, jiġifieri l-adegwatezza ta' kull xahar, ta' ġimgħa bil-quddiem sa mill-anqas ġurnata qabel, li għandha tkopri tal-anqas dawn li ġejjin:
 - (a) l-inċertezza tal-inputs bħall-probabbiltà ta' indisponibilità tal-kapaċità ta' trażmissjoni, il-probabbiltà ta' indisponibilità mhux ippjanata ta' impjanti tal-enerġija, kondizzjonijiet serji tat-temp, domanda varjabbli, b'mod partikolari fejn tilħaq il-massimu tagħha skont il-kondizzjonijiet tat-temp, u l-varjabbiltà tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;
 - (b) il-probabbiltà tal-okkorrenza ta' kriżi tal-elettriku;
 - (c) il-probabbiltà tal-okkorrenza ta' kriżi tal-elettriku simultanja.
2. Il-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi għal approċċ probabilistiku, inklużi xenarji multipli, u għandha tqis il-kuntesti nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, inkluż il-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri u, kemm jista' jkun, pajjiżi terzi li jinsabu fi ħdan żona sinkronika tal-Unjoni. Il-metodoloġija għandha tqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-enerġija ta' kull Stat Membru, inklużi l-kondizzjonijiet speċifiċi tat-temp u ċirkustanzi esterni.

3. Qabel ma jippreżenta l-metodoloġija proposta, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jwettaq eżerċizzju ta' konsultazzjoni li jinvolvi tal-anqas iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, l-organizzazzjonijiet industrijali u tal-konsumatur, il-produtturi jew il-korpi kummerċjali tagħhom, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet regolatorji u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn. L-ENTSO-E għandu debitament jikkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni u jippreżentahom, flimkien mal-metodoloġija proposta, f'laqgħa tal-ECG.
4. Fi żmien xahrejn mindu tirċievi l-metodoloġija proposta, l-ACER għandha, wara li tikkonsulta lill-ECG fil-formazzjoni tiegħu magħmula biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tapprova jew temenda l-proposta. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ACER għandhom jippubblikaw il-verżjoni finali tal-metodoloġija fuq is-siti web tagħhom.
5. L-ENTSO għall-Elettriku għandu jaġġorna u jtejjeb il-metodoloġija skont il-paragrafi 1 sa 4 meta ssir disponibbli informazzjoni ġdida sinifikanti. L-ECG fil-formazzjoni tiegħu magħmul biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri, jista' jirrakkomanda, u l-ACER jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu, tali aġġornamenti u titjib filwaqt li debitament jipprovdu l-ġustifikazzjoni tagħhom. Fi żmien sitt xhur mit-talba, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jippreżenta lill-ACER abbozz tat-tibdiliet proposti. Fi żmien xahrejn mindu tirċievi tali abbozz, l-ACER għandha, wara li tikkonsulta lill-ECG fil-formazzjoni tiegħu magħmula biss minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tapprova jew temenda t-tibdiliet proposti. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ACER għandhom jippubblikaw il-verżjoni finali tal-metodoloġija aġġornata fuq is-siti web tagħhom.

Artikolu 9

Valutazzjonijiet tal-adeqwatezza għal terminu qasir u daww staġjonali

1. Il-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza kollha għal terminu qasir, kemm jekk isiru fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-Unjoni, għandhom isiru f'konformità mal-metodoloġija żviluppata skont l-Artikolu 8.
2. L-ENTSO għall-Elettriku għandu jagħmel valutazzjonijiet tal-adeqwatezza staġjonali skont il-metodoloġija żviluppata b'konformità mal-Artikolu 8. Għandu jippubblika r-riżultati għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza tax-xitwa sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena u għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza tas-sajf sal-1 ta' Ġunju ta' kull sena. Jista' jiddelega kompiti relatati mal-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali. Għandu jippreżenta l-valutazzjoni tal-adeqwatezza f'laqgħa tal-ECG, li jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet fejn xieraq.
3. Liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali għandhom jagħmlu valutazzjonijiet tal-adeqwatezza ta' ġimgħa bil-quddiem sa mill-anqas ġurnata qabel skont ir-Regolament (UE) 2017/1485 fuq il-bażi tal-metodoloġija adottata skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

Kapitolu III

Pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji

Artikolu 10

L-istabbiliment ta' pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji

1. Fuq il-bażi tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku reġjonali u nazzjonali identifikati skont l-Artikoli 6 u 7, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tistabbilixxi pjan ta' tħejjija għar-riskji, wara li jikkonsulta lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni meqjusa rilevanti mill-awtorità kompetenti, lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, lill-produtturi rilevanti jew il-korpi kummerċjali tagħhom, lill-intrapriżi tal-elettriku u tal-gass naturali, lill-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi industrijali u dawk mhux industrijali tal-elettriku, u lill-awtorità regolatorja fejn din ma tkunx l-awtorità kompetenti.
2. Il-pjan ta' tħejjija għar-riskji għandu jikkonsisti f'miżuri nazzjonali u, fejn applikabbli, f'miżuri reġjonali u bilaterali kif previst fl-Artikoli 11 u 12. F'konformità mal-Artikolu 16, il-miżuri kollha ppjanati jew meħudin ta' prevenzjoni, tħejjija, u mitigazzjoni fir-rigward ta' kriżijiet tal-elettriku għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli li jirregolaw is-suq intern tal-elettriku u t-tħaddim tas-sistemi. Dawk il-miżuri għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji.

3. Il-pjan ta' tħejjija għar-riskji għandu jiġi żviluppat skont l-Artikoli 11 u 12 u skont il-mudell stabbilit fl-Anness. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali fil-pjan ta' tħejjija għar-riskji.
4. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, qabel ma jadottaw il-pjanijiet tagħhom ta' tħejjija għar-riskji, jippreżentaw l-abbozzi tal-pjanijiet, għall-konsultazzjoni, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri rilevanti fir-reġjun u, fejn ma jkunux fl-istess reġjun, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konnessi direttament, kif ukoll lill-ECG.
5. Fi żmien sitt xhur mindu jirċievu l-abbozz tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 4 u l-ECG jistgħu joħorġu rakkomandazzjonijiet relatati mal-abbozzi tal-pjanijiet ippreżentati skont il-paragrafu 4.
6. Fi żmien disa' xhur mill-preżentazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jadottaw il-pjanijiet tagħhom ta' tħejjija għar-riskji, filwaqt li jqisu r-riżultati tal-konsultazzjoni skont il-paragrafu 4 u kwalunkwe rakkomandazzjoni maħruġa skont il-paragrafu 5. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji tagħhom mingħajr dewmien.

7. L-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jippubblikaw il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji fuq is-siti web tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva, b'mod partikolari informazzjoni dwar miżuri relatati mal-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni ta' konsegwenzi ta' attakki malizzjużi. Il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ddeterminati skont l-Artikolu 19.
8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw u jippubblikaw l-ewwel pjanijiet tagħhom ta' tħejjija għar-riskji sa ... [30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Għandhom sussegwentement jaġġornawhom kull erba' snin, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jiġġustifikawx aġġornamenti aktar spissi.

Artikolu 11

Il-kontenut tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji fir-rigward ta' miżuri nazzjonali

1. Kull pjan ta' tħejjija għar-riskji ta' kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-miżuri nazzjonali kollha li jkunu pplanati jew meħuda għall-prevenzjoni, tħejjija u mitigazzjoni fir-rigward ta' kriżijiet tal-elettriku kif identifikati skont l-Artikoli 6 u 7. Tal-anqas għandu:
 - (a) jinkludi sommarju tax-xenarji ta' kriżi tal-elettriku definiti għall-Istat Membru u r-reġjun rilevanti, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7;

- (b) jistabbilixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-awtorità kompetenti u jiddeskrivi liema kompiti, jekk ikun il-każ, ġew delegati lil korpi oħra;
- (c) jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali mfasslin għall-prevenzjoni ta', jew għat-tnejn għal, ir-riskji identifikati skont l-Artikoli 6 u 7;
- (d) jinnomina koordinatur għall-kriżijiet nazzjonali u jistabbilixxi l-kompiti tiegħu;
- (e) jistabbilixxi proċeduri ddettaljati li għandhom jiġu segwiti fi kriżijiet tal-elettriku, inklużi l-iskemi korrispondenti dwar flussi ta' informazzjoni;
- (f) jidentifika l-kontribuzzjoni tal-miżuri bbażati fuq is-suq fit-trattament ta' kriżijiet tal-elettriku, b'mod partikolari miżuri mil-lat tad-domanda u dak tal-provvista;
- (g) jidentifika miżuri possibbli mhux ibbażati fuq is-suq li għandhom jiġu implimentati fi kriżijiet tal-elettriku, filwaqt li jispeċifika l-iskattaturi, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom, u jindika kif jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u mal-miżuri reġjonali u bilaterali;

- (h) jipprovdi qafas għat-tneħħija manwali tat-tagħbija, li jistipula ċ-ċirkostanzi li fihom għandhom jitneħħew it-tagħbijiet u, fir-rigward tas-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali, li jispeċifika liema kategoriji ta' utenti tal-elettriku huma, skont il-liġi nazzjonali, intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnessjoni, filwaqt li jiġġustifika l-ħtieġa ta' tali protezzjoni, u jispeċifika kif l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-Istati Membri kkonċernati għandhom inaqqsu l-konsum;
- (i) jiddeskrivi l-mekkaniżmi użati sabiex il-pubbliku jiġi informat dwar kriżijiet tal-elettriku;
- (j) jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri reġjonali u, fejn applikabbli, tal-miżuri bilaterali maqbula skont l-Artikolu 12;
- (k) jinkludi informazzjoni dwar pjanijiet relatati u neċessarji għall-iżvilupp tal-grilja futura li ser tgħin biex jiġu trattati l-konsegwenzi ta' xenarji identifikati ta' kriżi tal-elettriku.

2. Il-miżuri nazzjonali kollha għandhom iqisu l-miżuri reġjonali u, fejn applikabbli, miżuri bilaterali li dwarhom sar qbil skont l-Artikolu 12 u m'għandhomx jipperikolaw is-sigurtà operazzjonali jew is-sikurezza tas-sistema ta' trażmissjoni, u lanqas is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ta' Stati Membri oħrajn.

Artikolu 12

Il-kontenut tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji fir-rigward ta' miżuri reġjonali u bilaterali

1. Minbarra l-miżuri nazzjonali msemmija fl-Artikolu 11, il-pjan ta' tħejjija għar-riskji ta' kull Stat Membru għandu jinkludi miżuri reġjonali u, fejn applikabbli, bilaterali sabiex jiżgura li l-kriżijiet tal-elettriku b'impatt transfruntier jiġu evitati jew ġestiti kif xieraq. Il-miżuri reġjonali għandhom jiġu maqbulin fi ħdan ir-reġjun ikkonċernat bejn l-Istati Membri li jkollhom il-kapaċità teknika li jipprovdu assistenza lil xulxin skont l-Artikolu 15. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu wkoll jiffurmaw sottogruppi fi ħdan reġjun. Il-miżuri bilaterali għandhom ikunu maqbulin bejn l-Istati Membri li jkunu konnessi direttament iżda li ma jkunux fl-istess reġjun. L-Istati Membri għandhom jiżguraw konsistenza bejn il-miżuri reġjonali u dawk bilaterali. Il-miżuri reġjonali u bilaterali għandhom tal-anqas jinkludu:
 - (a) in-nomina ta' koordinatur għall-kriżi;
 - (b) mekkaniżmi għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni;
 - (c) miżuri kkoordinati li jimmitigaw l-impatt ta' kriżi tal-elettriku, inkluża kriżi tal-elettriku simultanja, għall-fini ta' assistenza skont l-Artikolu 15;
 - (d) proċeduri għat-twettiq ta' testijiet annwali jew kull sentejn tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji;

(e) il-mekkaniżmi ta' skattar ta' miżuri mhux ibbażati fuq is-suq li għandhom jiġu attivati f'konformità mal-Artikolu 16(2).

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu dwar il-miżuri reġjonali u bilaterali li jridu jiddaħħlu fil-pjan ta' tħejjija għar-riskji, wara konsultazzjoni maċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali rilevanti. Il-Kummissjoni jista' jkollha rwol ta' faċilitatur fit-tħejjija tal-ftehim dwar il-miżuri reġjonali u bilaterali. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-ACER u lill-ENTSO għall-Elettriku biex jipprovdu assistenza teknika lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat tali ftehim. Tal-anqas tmien xhur qabel l-iskadenza għall-adozzjoni jew għall-aġġornar tal-pjan ta' tħejjija għar-riskji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ECG dwar il-ftehimiet milħuqin. Jekk l-Istati Membri ma jirnexx ilhomx jilħqu ftehim, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet għal tali nuqqas ta' qbil. F'każ bħal dan il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri inkluż mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-konklużjoni ta' ftehim dwar il-miżuri reġjonali u bilaterali.
3. Bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' kull reġjun għandhom perjodikament jittestjaw l-effikaċja tal-proċeduri żviluppati fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji għall-prevenzjoni ta' kriżijiet tal-elettriku, inklużi l-mekkaniżmi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, u jwettqu simulazzjonijiet ta' kriżijiet tal-elettriku kull sentejn, b'mod partikolari testijiet fuq dawg il-mekkaniżmi.

Artikolu 13

Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji

1. Fi żmien erba' xhur min-notifika tal-pjan ta' tħejjija għar-riskji adottat mill-awtorità kompetenti, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-pjan filwaqt li debitament tqis il-fehmiet espressi mill-ECG.
2. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-ECG, toħroġ opinjoni mhux vinkolanti, li tistabbilixxi raġunijiet dettaljati, u tippreżentaha lill-awtorità kompetenti, b'rakkomandazzjoni biex jiġi rivedut il-pjan tagħha ta' tħejjija għar-riskji, fejn dak il-pjan:
 - (a) ma jkunx effettiv fil-mitigazzjoni tar-riskji identifikati fix-xenarji ta' kriżi tal-elettriku;
 - (b) ikun inkonsistenti max-xenarji ta' kriżi tal-elettriku identifikati jew mal-pjan ta' tħejjija għar-riskji ta' Stat Membru ieħor;
 - (c) ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(2);
 - (d) jistabbilixxi miżuri li x'aktarx jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku ta' Stati Membri oħrajn;
 - (e) ifixkel indebitament il-kompetizzjoni u l-funzjonament effettiv tas-suq intern; jew
 - (f) ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

3. Fi żmien tliet xhur mindu tirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tqis bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u għandha jew tinnotifika l-pjan ta' tħejjija għar-riskji emendat lill-Kummissjoni jew tinnotifika lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għalfejn toġġezzjona għar-rakkomandazzjoni.
4. Fil-każ li l-awtorità kompetenti toġġezzjona għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista', fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi n-notifika tal-awtorità kompetenti dwar r-raġunijiet għall-oġġezzjoni, tirtira r-rakkomandazzjoni tagħha jew issejjaħ laqgħa mal-awtorità kompetenti u, fejn il-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ, mal-ECG, sabiex tivvaluta l-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi raġunijiet dettaljati għalfejn tkun talbet kwalunkwe modifika għall-pjan ta' tħejjija għar-riskji. Fejn il-pożizzjoni finali tal-awtorità kompetenti kkonċernata tvarja mir-raġunijiet dettaljati tal-Kummissjoni, dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni r-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħha fi żmien xahrejn minn meta tirċievi r-raġunijiet dettaljati tal-Kummissjoni.

Kapitolu IV

Il-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku

Artikolu 14

Twissija bikrija u dikjarazzjoni ta' kriżi tal-elettriku

1. Fejn xi valutazzjoni tal-adegwatezza staġjonali jew xi sors ieħor kwalifikat jipprovdu informazzjoni konkreta, serja u affidabbli li tista' sseħħ kriżi tal-elettriku fi Stat Membru, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha, mingħajr dewmien indebitu, toħroġ twissija bikrija lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istess reġjun u, fejn ma jkunux fl-istess reġjun, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri direttament konnessi. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha wkoll tipprovdi informazzjoni dwar il-kawżi tal-kriżi tal-elettriku possibbli, dwar il-miżuri ppjanati jew meħudin għall-prevenzjoni ta' kriżi tal-elettriku u dwar il-ħtieġa possibbli ta' assistenza mingħand Stati Membri oħrajn. L-informazzjoni għandha tinkludi l-impatti possibbli tal-miżuri fuq is-suq intern tal-elettriku. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi dik l-informazzjoni lill-ECG.

2. Meta tiffaccċja kriżi tal-elettriku, l-awtorità kompetenti għandha, wara li tikkonsulta lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni kkonċernat, tiddikjara kriżi tal-elettriku u tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istess reġjun u, fejn ma jkunux fl-istess reġjun, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri direttament konnessi, kif ukoll lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien indebitu. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-kawżi tad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku, ir-raġunijiet għad-dikjarazzjoni ta' kriżi tal-elettriku, il-miżuri ppjanati jew meħudin għall-mitigazzjoni, u l-ħtieġa possibbli ta' kwalunkwe assistenza mingħand Stati Membri oħrajn.
3. Fejn iqisu li l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 jew 2 mhijiex suffiċjenti, il-Kummissjoni, l-ECG jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istess reġjun u, fejn ma jkunux fl-istess reġjun, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri direttament konnessi jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali.
4. Fejn awtorità kompetenti toħroġ twissija bikrija jew tiddikjara kriżi tal-elettriku, il-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' tħejjija għar-riskji għandhom jiġu segwiti b'mod sħiħ kemm jista' jkun.

Artikolu 15

Il-kooperazzjoni u l-assistenza

1. L-Istati Membri għandhom jaġixxu u jikkooperaw fi spirtu ta' solidarjetà sabiex jipprevjenu u jiġġestixxu kriżijiet tal-elettriku.
2. Fejn ikollhom il-kompetenza teknika meħtieġa, l-Istati Membri għandhom joffru assistenza lil xulxin permezz ta' miżuri reġjonali jew bilaterali li dwarhom sar qbil skont dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 12 qabel ma tingħata dik assistenza. Għal dak il-għan, u bl-iskop tal-protezzjoni tas-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali, l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar miżuri reġjonali jew bilaterali tal-għażla tagħhom sabiex jitwassal l-elettriku b'mod koordinat.
3. L-Istati Membri għandhom jaqblu dwar l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri reġjonali jew bilaterali qabel ma tiġi offruta assistenza. Tali arranġamenti għandhom jispeċifikaw, fost l-oħrajn, il-kwantità massima ta' elettriku li għandu jitwassal fil-livell reġjonali jew bilaterali, l-iskattatur għal kwalunkwe assistenza u għas-sospensjoni tal-assistenza, kif l-elettriku ser jitwassal, u d-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens ġust bejn l-Istati Membri skont il-paragrafi 4, 5 u 6.

4. L-assistenza għandha tkun soġġetta għal ftehim minn qabel bejn l-Istati Membri kkonċernati fir-rigward ta' kumpens ġust, li tal-inqas għandu jkopri:
- (a) l-ispiża tal-elettriku li jitwassal fit-territorju tal-Istat Membru li jitlob assistenza kif ukoll l-ispejjeż ta' trażmissjoni assoċjati; u
 - (b) kwalunkwe spiża raġonevoli oħra mgħarrba mill-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza, inkluż rigward rimborż għal assistenza ppreparata mingħajr attivazzjoni effettiva, kif ukoll kwalunkwe spiża li tirriżulta minn proċeduri ġudizzjarji, proċedimenti ta' arbitraġġ jew proċedimenti u ħlas simili.
5. Il-kumpens ġust skont il-paragrafu 4 għandu jinkludi, inter alia, l-ispejjeż raġonevoli kollha li l-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza jgħarrab minn obbligu li jħallas kumpens minħabba d-drittijiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni u minħabba l-obbligi internazzjonali applikabbli meta jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-assistenza u spejjeż raġonevoli ulterjuri mgħarrba mill-ħlas ta' kumpens skont regoli nazzjonali dwar il-kumpens.
6. L-Istat Membru li jitlob assistenza għandu jħallas fil-pront, jew jiżgura l-ħlas fil-pront, tal-kumpens ġust lill-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza.

7. Il-Kummissjoni għandha, sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], wara li tkun ikkonsultat lill-ECG u lill-ACER, tipprovdi għal gwida mhux vinkolanti dwar l-elementi ewlenin tal-kumpens ġust imsemmi fil-paragrafi 3 sa 6 u elementi ewlenin oħra tal-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji msemmija fil-paragrafu 3 kif ukoll dwar il-prinċipji ġenerali tal-assistenza reċiproka msemmija fil-paragrafu 2.
8. F'każ ta' kriżi tal-elettriku li fiha l-Istati Membri ma jkunux għadhom qablu dwar miżuri reġjonali jew bilaterali u arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar miżuri u arranġamenti ad hoc sabiex japplikaw dan l-Artikolu, inkluż rigward kumpens ġust skont il-paragrafi 4, 5 u 6. Fejn Stat Membru jitlob assistenza qabel ma jsir qbil dwar tali miżuri u arranġamenti ad hoc, dan għandu jintrabat, qabel ma jirċievi assistenza, li jħallas kumpens ġust skont il-paragrafi 4, 5 u 6.
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-assistenza jiġu implimentati f'konformità mat-Trattati, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u obbligi internazzjonali applikabbli oħra. Huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 16

Konformità mar-regoli tas-suq

1. Il-miżuri meħudin għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni ta' kriżijiet tal-elettriku għandhom jikkonformaw mar-regoli li jirregolaw is-suq intern tal-elettriku u t-tħaddim tas-sistemi.
2. Il-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq għandhom jiġu attivati fi kriżi tal-elettriku biss bħala l-aħħar alternattiva jekk ikunu ġew eżawriti l-għażliet kollha pprovduti mis-suq jew fejn ikun evidenti li l-miżuri ibbażati fuq is-suq waħedhom ma jkunux biżżejjed għall-prevenzjoni ta' deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku. Il-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq ma għandhomx ifixklu indebitament il-kompetizzjoni u l-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-elettriku. Għandhom ikunu neċessarji, proporzjonati, mhux diskriminatorji u temporanji. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-Istat Membru tagħha dwar l-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura mhux ibbażata fuq is-suq.
3. It-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet inkluż it-tnaqqis ta' kapaċità transżonali diġà allokata, il-limitazzjoni tal-provvista ta' kapaċità transżonali għall-allokazzjoni tal-kapaċità jew il-limitazzjoni tal-provvista ta' skedi għandhom jinbdew biss f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2019/...⁺, u mar-regoli adottati sabiex tiġi implimentata dik id-dispożizzjoni.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

Kapitolu V

Evalwazzjoni u monitoraġġ

Artikolu 17

Evalwazzjoni ex post

1. Mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem ta' kriżi tal-elettriku, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li ddikjara l-kriżi tal-elettriku għandha tipprovdi rapport ta' evalwazzjoni ex post lill-ECG u lill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità regolatorja fejn l-awtorità regolatorja ma tkunx l-awtorità kompetenti.
2. Tal-anqas ir-rapport ta' evalwazzjoni ex post għandu jinkludi:
 - (a) deskrizzjoni tal-avveniment li wassal għall-kriżi tal-elettriku;
 - (b) deskrizzjoni ta' kulle miżura preventiva, preparatorja u ta' mitigazzjoni meħuda u valutazzjoni tal-proporzjonalità u tal-effikaċja tagħha;
 - (c) valutazzjoni tal-impatt transfruntier tal-miżuri meħudin;

- (d) rendikont tal-assistenza mħejjija, kemm jekk b'attivazzjoni effettiva kif ukoll jekk mingħajr, ipprovduta lil, jew riċevuta minn, Stati Membri ġirien u pajjiżi terzi;
 - (e) l-impatt ekonomiku tal-kriżi tal-elettriku u l-impatt tal-miżuri meħudin fuq is-settur tal-elettriku sal-punt permess mid-data disponibbli fiż-żmien tal-valutazzjoni, b'mod partikolari l-volumi ta' enerġija mhux servita u l-livell ta' skonnessjoni manwali tad-domanda (inkluż paragun bejn il-livell ta' skonnessjoni volontarja u skonnessjoni furzata tad-domanda);
 - (f) raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura mhux ibbażata fuq is-suq;
 - (g) kwalunkwe titjib possibbli jew titjib propost fil-pjan ta' tħejjija għar-riskji;
 - (h) ħarsa ġenerali lejn titjib possibbli tal-iżvilupp tal-grilja f'każijiet fejn żvilupp insuffiċjenti tan-netwerk ikkawża jew ikkontribwixxa għall-kriżi tal-elettriku.
3. Fejn iqisu li l-informazzjoni pprovduta fir-rapport ta' evalwazzjoni ex post mhijiex suffiċjenti, l-ECG u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu li l-awtorità kompetenti kkonċernata ttipprovdi informazzjoni addizzjonali.
4. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni ex post f'laqgħa tal-ECG. Dawk ir-riżultati għandhom ikunu riflessi fil-pjan aġġornat ta' tħejjija għar-riskji.

Artikolu 18

Monitoraġġ

1. Minbarra li jwettaq kompiti oħrajn stipulati f'dan ir-Regolament, l-ECG għandu jiddiskuti:
 - (a) ir-riżultati tal-pjan għal 10 snin ta' żvilupp tan-networks fl-elettriku imħejji mill-ENTSO għall-Elettriku;
 - (b) il-koerenza tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, adottati mill-awtoritajiet kompetenti skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 10;
 - (c) ir-riżultati tal-valutazzjonijiet Ewropej tal-adegwatezza tar-riżorsi mwettqa mill-ENTSO għall-Elettriku kif imsemmi fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) 2019/...⁺;
 - (d) il-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku b'kont meħud tal-anqas tal-indikaturi kkalkolati fil-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi, jiġifieri l-enerġija mistennija mhux servita u t-telf bit-tagħbija mistenni;
 - (e) ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-adegwatezza staġjonali msemija fl-Artikolu 9(2);
 - (f) l-informazzjoni rċevuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(4);

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

- (g) ir-riżultati ta' evalwazzjoni ex post imsemmija fl-Artikolu 17(4);
 - (h) il-metodoloġija għal valutazzjoni tal-adegwatezza għal terminu qasir imsemmija fl-Artikolu 8;
 - (i) il-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' xenarji reġjonali ta' kriżi tal-elettriku msemmija fl-Artikolu 5.
2. L-ECG jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kif ukoll lill-ENTSO għall-Elettriku b'relazzjoni mas-suġġetti msemmija fil-paragrafu 1.
 3. L-ACER għandha, fuq bażi kontinwa, timmonitorja s-sigurtà tal-miżuri ta' provvista tal-elettriku u għandha tirrapporta b'mod regolari lill-ECG.
 4. Sal-1 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tevalwa l-mezzi possibbli li permezz tagħhom tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-livell tal-Unjoni u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi, fejn meħtieġ, proposti legiſlattivi għall-emendar ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. L-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw il-proċeduri msemmija f'dan ir-Regolament skont ir-regoli applikabbli, inklużi r-regoli nazzjonali relattivi għat-trattament ta' informazzjoni u proċessi kunfidenzjali. Jekk l-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli tirriżulta f'informazzjoni li ma tiġix żvelata, fost l-oħrajn bħala parti minn pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, l-Istat Membru jew l-awtorità jistgħu jipprovdu sommarju mhux kunfidenzjali tagħhom, u għandhom jagħmlu dan fuq talba.
2. Il-Kummissjoni, l-ACER, l-ECG, l-ENTSO għall-Elettriku, l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet regolatorji u korpi, entitajiet jew persuni rilevanti oħra, li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament, għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva.

Kapitolu VI

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 20

Il-kooperazzjoni mal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija

Fejn l-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jikkooperaw fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, tali kooperazzjoni tista' tinkludi d-definizzjoni ta' kriżi tal-elettriku, il-proċess tal-identifikazzjoni ta' xenarji ta' kriżi tal-elettriku u l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji sabiex ma tittieħed ebda miżura li tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tal-Istati Membri, tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jew tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jistgħu, fuq stedina mill-Kummissjoni, jieħdu sehem fl-ECG fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jaffettwawhom.

Artikolu 21

Deroga

Sa meta Ċipru jiġi konness direttament ma' Stat Membru ieħor, l-Artikoli 6 u 12 u l-Artikolu 15(2) sa (9) m'għandhomx japplikaw la bejn Ċipru u Stati Membri oħra, u lanqas għall-ENTSO għall-Elettriku fir-rigward ta' Ċipru. Ċipru u Stati Membri rilevanti oħra jistgħu jiżviluppaw, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, miżuri u proċeduri alternattivi għal dawk previsti fl-Artikoli 6 u 12 u fl-Artikolu 15(2) sa (9), sakemm tali miżuri u proċeduri alternattivi ma jaffettwawx l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament bejn l-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 22

Dispożizzjoni tranżizzjonali sa meta jiġu stabbiliti ċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali

Sad-data li fiha ċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/...⁺, ir-reġjuni għandhom jirreferu lil Stat Membru jew lil grupp ta' Stati Membri li jinsabu fl-istess żona sinkronika.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE- CONS 9/19 (2016/0379(COD)).

Artikolu 23

Tħassir

Id-Direttiva 2005/89/KE hija mħassra.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Mudell għal pjan ta' tħejjija għar-riskji

Il-mudell li ġej għandu jimtela bl-Ingliż.

Tagħrif ġenerali

– Isem tal-awtorità kompetenti responsabbli mit-tħejjija ta' dan il-pjan

– Stati Membri fir-reġjun

1. SOMMARJU TAX-XENARJI TA' KRIŻI TAL-ELETTRIKU

Iddeskrivi fil-qosor ix-xenarji ta' kriżi tal-elettriku identifikati fil-livell reġjonali u dak nazzjonali skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 6 u 7, inkluża deskrezzjoni tas-suppożizzjonijiet applikati.

2. RWOLI U RESPONSABBILTAJIET TAL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Iddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtorità kompetenti u tal-korpi li lilhom ġew iddelegati kompiti.

Iddeskrivi liema kompiti, jekk hemm, ġew iddelegati lil korpi oħrajn.

3. PROĊEDURI U MIŻURI FIL-KRIŻI TAL-ELETTRIKU

3.1. Proċeduri u miżuri nazzjonali

- (a) Iddeskrivi l-proċeduri li jridu jiġu segwiti fil-każijiet ta' kriżi tal-elettriku, inklużi l-iskemi korrispondenti dwar flussi tal-informazzjoni;
- (b) Iddeskrivi l-miżuri preventivi u preparatorji;
- (c) Iddeskrivi l-miżuri għall-mitigazzjoni ta' kriżijiet tal-elettriku, b'mod partikolari miżuri fin-naħa tad-domanda u fin-naħa tal-provvista, filwaqt li tindika f'liema ċirkustanzi jistgħu jintużaw dawn il-miżuri, speċjalment l-iskattatur ta' kull miżura. Fejn jiġu kkunsidrati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq, dawn iridu jiġu debitament ġustifikati fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 16 u jridu jikkonformaw ma' miżuri reġjonali u, fejn applikabbli, bilaterali;
- (d) Ipprovdì qafas għat-tneħħija manwali tat-tagħbija, filwaqt li tistipula f'liema ċirkostanzi t-tagħbija għandha titneħħa. Speċifika fir-rigward tas-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali liema kategoriji ta' utenti tal-elettriku huma intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra skonnessjoni, u ġġustifika l-hteġa ta' tali protezzjoni. Ispeċifika kif l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jaġixxu sabiex inaqqsu l-konsum;
- (e) Iddeskrivi l-mekkaniżmi użati biex il-pubbliku jiġi informat dwar il-kriżi tal-elettriku.

3.2. Proċeduri u miżuri reġjonali u bilaterali

- (a) Iddeskrivi l-mekkaniżmi miftiehma għall-kooperazzjoni fi ħdan ir-reġjun u biex tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa qabel, u matul, il-kriżi tal-elettriku, inklużi l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal reazzjoni adatta fil-livell reġjonali;
- (b) Iddeskrivi kwalunkwe miżura reġjonali u bilaterali li dwarha sar qbil inkluż kwalunkwe arranġament tekniku, legali u finanzjarju meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri. Meta tiddeskrivi tali arranġamenti, ipprova di informazzjoni dwar, fost l-oħrajn, il-kwantitajiet massimi ta' elettriku li għandu jitwassal fil-livell reġjonali jew bilaterali, l-iskattatur għall-assistenza u l-possibbiltà li tintalab is-sospensjoni tagħha, kif ser jitwassal l-elettriku, u d-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens għall-bejn l-Istati Membri. Iddeskrivi l-miżuri nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri reġjonali u bilaterali maqbula;
- (c) Iddeskrivi l-mekkaniżmi fis-seħħ biex ikun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni ta' azzjonijiet, qabel, u matul, il-kriżi tal-elettriku, ma' Stati Membri oħrajn barra r-reġjun kif ukoll ma' pajjiżi terzi fi ħdan iż-żona sinkronika rilevanti.

4. KOORDINATUR TAL-KRIŻI

Indika u ddefinixxi r-rwol tal-koordinatur tal-kriżi. Ispeċifika d-dettalji ta' kuntatt.

5. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Skont l-Artikolu 10(1), iddeskrivi l-mekkaniżmu użat għall-konsultazzjonijiet imwettqa u r-riżultati tagħhom, għall-iżvilupp ta' dan il-pjan, ma':

- (a) intrapriżi tal-elettriku u tal-gass naturali rilevanti, inklużi l-produtturi rilevanti jew il-korpi kummerċjali tagħhom;
- (b) organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi ta' konsumaturi mhux industrijali tal-elettriku;
- (c) organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi ta' konsumaturi industrijali tal-elettriku;
- (d) awtoritajiet regolatorji;
- (e) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni;
- (f) operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni rilevanti.

6. TESTIJET TA' EMERĠENZA

- (a) Indika l-kalendarju għas-simulazzjonijiet kull sentejn b'rispons f'ħin reali li jsiru fir-reġjun (u, jekk applikabbli anki fil-livell nazzjonali) ta' kriżijiet tal-elettriku;
- (b) Skont il-punt (d) tal-Artikolu 12(1), indika l-proċeduri miftiehma u l-atturi involuti.

Għall-aġġornamenti tal-pjan: iddeskrivi fil-qosor it-testijiet imwettqa minn mindu ġie adottat l-aħħar pjan u r-risultati ewlenin. Indika liema miżuri ġew adottati b'risultat ta' dawk it-testijiet.
